# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

ŻGHIR B'QALB KBIRA


## Seduta numru 7. Illum il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2009

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Post ta' Skrivan mal-Kunsill
Attivita ghall-Community Chest Fund
One way fi Triq il-Majjistral
Affarijiet Mixxellanji

**PREŻENTI**

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Is-Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

**MINUTI**

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2.0 Korrispondenza**

2.1 Il-Kunsill innota mistoqsija parlamentari li tinforma li Triq Santa Marija giet mizjuda fil-programm tat-toroq biex tinkesa bit-tarmak.

2.2 Il-Kunsill innota li hareg il-permess biex jinbena l-hajt ta' lqugh fil-Bajja tal-Gnejna, PA 4038/07. Il-Kunsill se jara l-possibilita li dan il-hajt jinbena mit-Taqsima tax-Xoghlijiet.

2.3 Giet innotata l-korrispondenza mill-MEPA

2.4 Giet approvata l-lista ta' hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti.

**3.0 Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku nforma li ltaqa' mas-Sovrantendenza tal-Wirt Kulturali biex jipprezentalhom il-pjanti godda tal-Gnien tal-Housing Estate, fejn kien ukoll prezenti l-Vici Sindku Eman Vella. Waqt din il-laqgha, l-Ufficjali mis-Sovrantendenza talbu tibdil fil-pjanti biex ikun hemm zieda ta' passaggi biex jitgawdew is-sejbiet ta' dan is-sit. Il-Perit tal-Kunsill kien mitlub biex jaghmel l-emendi necessarji. Is-Sindku nforma li issa l-pjanta regghet giet riveduta u ntalbet laqgha ohra mas-Sovrantendenza f'dan ir-rigward.

3.2 Waqt id-diskussjoni is-Sindku talab lill-Kunsillier Giovanni Gatt biex jirtira kummenti mhux propizji waqt din id-diskussjoni izda l-Kunsillier Giovanni Gatt irrifjuta li jaghmel l-apologija tieghu.

3.3 Il-Vici Sindku Eman Vella nforma li kellu l-okkazjoni jitkellem ma dawn l-Ufficjali dwar l-ideja tal-Kunsill biex jigi ffurmat muzew bi fdalijiet arkejologici fl-ewwel sular tal-bini tal-Kunsill. Huwa qal li huma qablu ma l-ideja u se jkun qed jigbor stimi ghall strutturi dwar kif inhu mfassal ir-rahal, bil-geologija u s-siti storici, kif ukoll brochures biex ikunu ta' utilita ghal dawk li jzuruh. L-ghan huwa li madwar il-kamra jkun hemm l-istorja tar-rahal ghal kull epoka. Huwa kompla li se jiddiskuti dwar dan il-progett mal-MEUSAC biex tigi studjata l-possibilita li jingiebu fondi mill-UE ghal dan il-ghan.

3.4 Il-Kunsillier Maria Said se tkun qed takkumpanja n-nurse biex tinghata t-tilqima kontra l-influwenza fil-Berga, nhar it-Tlieta, 3 ta' Novembru ghall-anzjani. Il-Kunsill qabel li jerga' jigbed l-attenzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha biex il-partitioning jitranga biex ikun hemm aktar privatezza.

3.5 Is-Sindku se jkun qed jippartecipa fil-laqgha dwar Lokalitajiet Sostenibbli li qed tigi organizzata fit-2 ta' Novembru fil-lukanda Excelsior u li ghaliha se jkun hemm prezenti hamsin Sindku Franciz.

3.6 Is-Sindku nforma li gie mahtur Chairman tal-Kumitat dwar l-Energija Alternattiva sakemm jitlesta dan il-progett. Huwa nforma l is-Sur Paul Gatt, SE tal-Kunsill Lokali Naxxar kien mahtur Segretarju tal-Kumitat. Huwa kompla li f'dan il-Kumitat kien hemm proposta biex kull Kunsill johrog is-somma ta' €100 biex jigi ffurmat fond komuni ghal dan il-Kumitat. Il-Kunsill qabel li johrog din is-somma.

3.7 Is-Sindku nforma li sakemm isir it-tibdil propost fil-Kumitati Konguntі, il-Kumitat Kongunt Tramuntana ghad-Dawl tat-Toroq qabel li jestendi l-kuntratt tal-manutenzjoni tad-dawl ghal tliet xhur, jigifieri sa Marzu 2010, skond il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

***4.0 Post ta' Skrivan mal-Kunsill***

4.1 Il-Kunsill irceva c-Cv's tal-persuni li jixtiequ jokkupaw il-post ta' Clerk mal-Kunsill u li qed jirregistraw mal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig. Il-Bord ta' l-ghazla kien maghmul

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

mis-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kunsillier Clayton Gauci u s-Segretarju Ezekuttiv. Dawn ghazlu numru ta' persuni biex jigu mghajjta ghall-ewwel Interview. Saru zewg sezzjonijiet ta' Interviews u kien hemm qbil li jsir it-tieni interview ma zewg kandidati. Wara din l-Interview, li kienet tinvolvi ezempju prattiku tax-xoghol, kien hemm qbil li tinghazel is-Sinjorina Dorianne Mifsud ghal dan il-post.

**5.0 Attivita ghall-Community Chest Fund**

5.1 Il-Vici Sindku u l-Kunsillier Clayton Gauci infurmaw li qed jiddiskutu dwar l-attivitajiet proposti ghall-attivita li se tittella' mill-Kunsill b'risq il-Community Chest Fund bejn il-5 u s-7 ta' Dicembru, mal-Kumitat taz-zghazagh. Il-Vici Sindku Eman Vella qal li ladarba l-Kunsill jigi nfurmat jekk din l-attivita hux se tigi ffinanzjata bhala parti mill-iskema ta' Inizzjattivi, il-Kunsill ikun f'posizzjoni li jiddeciedi jekk tinkeriex tinda wahda jew zewg tined ghal din l-attivita. Huwa ppropona li jingabru l-istimi ghal dan il-ghan. Il-Kunsill qabel.

**6.0 One way fi Triq il-Majjistral**

6.1 Is-Sindku ppropona li fid-dawl ta' l-ittra li tressqet mill-ADT dwar Triq il-Majjistral, din titnehha minn one way ghal two way traffic, anke minhabba n-numru ta ilmenti f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Maria said infurmat li anke hi giet avvicinata mir-residenti dwar dan. Il-Kunsill qabel mal-proposta u se jinforma l-ADT b'dan.

**7.0 Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Il-Vici Sindku informa dwar l-arrangamenti li qed isiru bejnu u l-Kunsillier tal-Comune di Mathi biex tigi organizzata gita ghar-residenti taz-zewg lokalitajiet fit-Toscana matul l-Ghid f'April. Huwa qal li se jingabru stimi ghat-titjira.

7.2 Il-Kunsill qabel li ghalkemm kien hemm xi lmenti dwar il-yellow lines fi Triq Dun Edgar, dawn ghandhom jibqghu kif inhuma.

7.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci nforma li l-Kunsill se jkun qed jippartecipa fl-MOC Sports awards li se jsiru f'Dicembru, li qed tigi organizzata mill-Kumitat Olimpiku Malti.

7.4 Il-Kunsillier Clayton Gauci ppropona li fid-dawl ta' l-ittra li ntbaghtet mill-Kumitat tal-Festa, issir laqgha maghhom nhar l-Erbgha, 4 ta' Novembru fis-7pm . Il-Kunsill qabel.

7.5 Il-Kunsill se jippartecipa fl-inizzjattiva dwar l-Isport proposta mill-Gvern ghas-sena 2010. Il-Vici Sindku Eman Vella qed jikkordina din l-attivita flimkien mas-Sur Keith Vella, mill-Mgarr Youth nursery.
7.6 Il-Kunsillier Clayton Gauci propona li terga' ssir pressjoni fuq l-ADT biex isiru zebra crossings fi Triq iz-Zebbiegh.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*


7.7 Il-Kunsill innota l-ilmenti li dahlu mill-pubbliku u sar qbil li titwahhal mera gdida fi Triq Bingemma.

7.8 Il-Kunsillier Giovanni Gatt ghaddha kopja tal-pjanti mmarkati fejn ghandhom jitwahhlu l-ghaxar lampi godda approvati mill-Kunsill f'Seduta precedenti.

7.9 Il-Kunsillier Giovanni Gatt ressaq petizzjoni biex Triq il-Haddedin tinghata t-tarmak. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju jimxi mal-Budget li gie nfassal ghal din is-sena finanzjarja u jikkunsidra din it-Triq fil-Budget li jmiss.

8.0 Il-laqgha ntemmet fit-8.10pm.

8.1 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 17 ta' Novembru, fis-6.00pm

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku


***Sindku*** *: Paul Vella,* ***Vici Sindku*** *: Eman Vella*
***Kunsillieri*** *: Clayton Gauċi, Giovanni Gatt, Maria Said*
***Segretarju Ezekuttiv*** *: Christine Lewis* ***Dip.Gen.Mgt.(MSM), MIM, PG Cert. in CSM (Leic.)***

**Kunsill Lokali Mgarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

**Laqgha mal-Kappillan 29-10-09, 6.00p.m.**

**Prezenti ; Is-Sindku Paul Vella, il-Vici Sindku Eman Vella, Il-Kunsillieri Clayton Gauci, Giovanni Gatt, Maria Said.**

**Il-Kappillan Dun Antoine Borg**

Il-Kappillan ressaq l-ittra annessa ghall-attenzjoni tal-Kunsill. Huwa talab aktar informazzjoni dwar l-istat tax-xoghol fuq iz-zuntier, fid-dawl tal-mistoqsija parlamentari li saret ricenti mill-Membru Parlamentari Philip Mifsud.

Is-Sindku spjega li tali progett huwa ghal qalb il-Kunsill ukoll u kien hu flimkien mal-Kappillan ta' dak iz-zmien li talab ghalih, izda hemm limitazzjonijiet tal-ligi li ma tippermettix li jsiru spejjez fuq art tal-knisja.

Il-Kappillan gie nfurmat li se tintbaghat korrispondenza lill-Ministeru ta' l-ambjent biex issir talba ghal fondi mehtiega biex jitlesta l-progett.